MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 34/2007

**Ottavio Suda**

**vs**

**Id-Direttur Generali tad-Divizjoni tal-Konsumatur u tal-Kompetizzjoni fi hdan**
**il-Ministeru ghall-Kompetittivita` u Komunikazzjoni**

**Il-Qorti,**

L-appell tar-rikorrenti Ottavio Suda lil dina l-Qorti huwa arginat fit-termini tar-Regolament 25 (1) ta’ l-Avviz Legali Nru. 4 ta’ l-2007 li jipprovdi proprju ghall-appell mid-decizjoni tal-Ministeru responsabbli ghall-Affarijiet tal-Konsumatur li tkun imponietlu multa amministrattiva jew penali ghal ksur prevvist mill-istess Regolamenti;

Kontra din id-decizjoni l-appellanti javvanza dawn l-aggravji:-

(1) Huwa ma kienx il-legittimu kontradittur stante li huwa direttur tas-socjeta` li tiggestixxi l-istabbilment Heat Diner u allura d-decizjoni kellha tittiehed kontra s-socjeta` (Innovative Entertainment Ltd) u mhux kontra tieghu personalment;

(2) L-appellat ma segwiex il-procedura stabbilita fir-Regolamenti, senjatament ir-regolament 24 (2) u (4) tieghu billi ma nnotifikalux d-Direttivi fir-rigward tal-ksur minnu allegat riferibilment ghal menu tal-gelati. F'dan l-istess kuntest jilmenta li hu gie semplicement notikat b'Final Notice minghajr ma nghata l-opportunita` skond il-ligi li juniforma ruhu mar-Regolamenti;

Il-fatti li wasslu ghad-decizjoni issa oppunjata kienu, telegrafikament, is-segwenti:-

(1) It-taqsima maghrufa bhala l-Osservatorju ta' l-Euro, imwaqqfa fi hdan il-Ministeru tal-Finanzi, ex-Regolament 4 tal-precitat Avviz Legali, ikkomunika lill-appellanti b'direttivi manifestanti l-vjolazzjoni minnu tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar l-Adozzjoni ta' l-Euro (Dual Display u Ipprezzar fl-Euro). L-allegata vjolazzjoni kienet individwata bhala nuqqas ta' ottemperanza ta' "dual display" u "euro pricing" fuq il-menus ta' l-istabbiliment "Heat Diner";

(2) Fis-7 ta' Settembru, 2007 l-Enforcement Directorate fi hdan il-Consumer & Competition Division tal-Ministeru ghall-Affarijiet tal-Konsumatur hariglu avviz finali ta' non-konformita mar-Regolamenti, konsegwit b'imposizzjoni ta' penali amministrattiva. Ara ittra tad-Direttur Generali tat-28 ta' Settembru, 2007 a fol. 8 tal-process;

Premessi dawn il-fatti, bl-ewwel aggravju sottopost l-appellanti jikkontendi illi hu personalment ma kellux, f'kull kaz, ikun il-mira tad-decizjoni mehuda ghaliex hu ma kienx il-gestur ta' l-istabbilment. B'dan l-aggravju tieghu l-appellanti htieglu jipprova li haddiehor, u mhux hu nnifsu,

kellu jkun is-soggett li di fronte tieghu kien jissussisti l-presuppost ta’ fatt kontravventur tar-Regolamenti ghal liema gie penalizzat.  Konformement mad-dispost tas-subinciz (2) tar-Regolament 25 din il-Qorti ppermettiet lill-appellanti, ghall-ahjar konsiderazzjoni ta’ l-aspetti fattwali u legali tal-kaz, illi jipproduci dokumentazzjoni attestanti dik l-asserzjoni tieghu illi hu ma kienx il-legittimu kontradittur tad-decizjoni mehuda;

Minn ezami ta’ dawn id-dokumenti konsistenti f’certifikati ta’ registrazzjoni tal-kumpanija u dik tal-VAT taghha, il-licenzja mahruga u kopja tal-kuntratt ta’ lokazzjoni, din il-Qorti hi sodisfatta illi l-gestur ta’ l-stabbilment bl-isem komplut “Heat American Diner Bar” ma kien ebda haddiehor ghajr il-kumpanija “Innovative Entertainment Ltd”, bin-Numru ta’ Registrazzjoni MT 17519719 ghall-iskop fiskali tal-VAT.  Il-Qorti qed taccentwa din l-ahhar osservazzjoni in kwantu mill-ittri sottomessi lill-appellanti mid-Direttur Generali dan in-numru ta’ registrazzjoni hu wkoll raffigurat, ankorke jirrizulta zball mekkaniku fl-ewwel parti tieghu indikata bhala 1571 minflok 1751;

Jinzel b’deduzzjoni mill-konstatazzjoni hawn fuq maghmula illi l-persuna li kellha strettament tkun f’rapport mad-decizjoni ta’ l-appellat kellha tkun is-socjeta` surreferita b’dik il-personalita` guridika taghha kontraddistinta minn dik ta’ l-appellanti fil-veste personali tieghu.  Qaghda din li, apparentement, u in bazi ghal dak dedott, kienet ukoll maghrufa mill-appellat jew, ragonevolment, hekk kellu jkun indott minnu bi ftit ricerka. Ricerka din li, kif mistqarr mix-xhud Mario Vella quddiem din il-Qorti, baqghet ma saretx;

Issa fil-kors tad-dibattitu orali fuq il-punt kontrovertit l-Avukat difensur ta’ l-appellat irrefera ghall-Artikolu 10 (2) ta’ l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur li jipprovdi li “fejn reat jew ksur ta’ xi disposizzjoni ta’ dan l-Att jew regolament li jaqa’ tahtu ssir minn korp inkorporat u jigi ppruvat li dan sar bil-kunsens jew l-involviment ta’ jew hu

attribwibbli lil negligenza kbira minn naha ta' persuna li hija direttur, manager, segretarju jew xi ufficjal iehor hekk deskritt tal-korp inkorporat jew persuna li kienet qed tallega li qed tagixxi f'tali kapacita, tista' tittiehed azzjoni kontra dik il-persuna kif ukoll kontra l-korp inkorporat u dan jista' jinghata piena daqs li kieku kien responsabbli ghal dak ir-reat jew ksur". Li naqas li jsemmi l-Avukat ta' l-appellat hu li dan il-provvediment iddahhal fil-ligi principali bl-Att II ta' l-2008 applikabbli b'effett mit-12 ta' Dicembru, 2007. Li jfisser, allura, fi zmien posterjuri ghall-allegata infrazzjoni tar-Regolamenti, id-decizjoni mehuda u l-appell prezenti minnha, introdott fil-15 ta' Ottubru, 2007;

Huwa sew maghruf, dottrinalment u gurisprudenzjalment, illi l-effetti ta' l-obbligazzjonijiet, sew dawk *ex contractu* jew *ex lege*, "*si regolano in ogni tempo dalla legge sotto il cui impero le obbligazioni sono nate*". Ara "**Filomena Borg *et* -vs- Antonio Borg *et***", Appell Civili, 28 ta' Gunju, 1907. Ammenokke, allura, ma jinghadx xort'ohra, hu principju generali anke fl-ordinament taghna, illi, ghax *tempus regit actum*, id-dixxiplina ta' fatt hi assoggettata ghan-normattiva taz-zmien li fih dak l-istess fatt isehh. Fil-kaz prezenti l-fatt ta' l-allegat ksur, u tad-decizjoni relattiva dwaru, sehhew fi zmien meta s-succitat provvediment ma kienx ghadu promulgat. La dana huwa hekk, u la l-ligi u lanqas l-istess provvediment specifiku ma jikkontemplaw, espressament jew xort' ohra indott, ir-retroattivita` tieghu l-appellat ma kienx, la logikament u wisq anqas guridikament, akkonsentit jew gusitifikat jappilja ruhu mieghu biex iqieghed lill-appellanti personalment f'rapport mal-kontravvenzjoni specifika taht ir-Regolamenti li, ammess li saret, kellha, se mai, tkun rinfaccjata u diretta kontra s-socjeta` gestatrici ta' l-istabbiliment. Taht dan il-profil ta' hsieb din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju;

La darba giet raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma tarax il-htiega li tipprocedi biex tinvesti t-tieni ilment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell fl-ewwel kap ta' aggravju tieghu u, konsegwentement, thassar u tirrevoka d-decizjoni relattiva ghall-penali amministrattiva imposta mid-Direttur Generali tad-Divizjoni tal-Konsumaturi, bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu fic-cirkostanzi kollha tal-kaz bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------